



Il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikors tar-Rumanija kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiġi rreġistrata l-proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini "Politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza tar-reġjuni u għas-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali"

Il-Qorti Ġenerali tagħti deċiżjoni, għall-ewwel darba, fuq in-natura kontestabbli ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tali proposta tiġi rreġistrata

Fit-18 ta' Ġunju 2013, il-proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ECI) intitolata "Politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza tar-reġjuni u għas-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali" ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni Ewropea¹. Din kienet intiża, skont l-informazzjoni pprovduta mill-organizzaturi tagħha, sabiex l-Unjoni Ewropea, fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni, tagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni li l-karatteristiċi etniċi, kulturali, reliġjużi jew lingwistiċi tagħhom ikunu differenti minn dawk tar-reġjuni ta' madwarhom.

Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Lulju 2013², il-Kummissjoni ċaħdet it-talba għar-reġistrazzjoni tal-proposta ta' IĊE kontenzjuża minħabba li din kienet taqa' manifestament barra mill-ambitu tal-kompetenzi tagħha li tippermettilha tippreżenta proposta għal att ġuridiku tal-Unjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati. Ir-rikors għal annullament ippreżentat kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea³. Adita b'appell, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali kif ukoll id-deċiżjoni tal-25 ta' Lulju 2013⁴.

Fit-30 ta' April 2019, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ġdida li permezz tagħha hija wettqet ir-reġistrazzjoni tal-proposta ta' IĊE kontenzjuża⁵. Ir-Rumanija ppreżentat rikors għal annullament kontra dik id-deċiżjoni.

Il-Qorti Ġenerali tiċħad ir-rikors tar-Rumanija u tindirizza, għall-ewwel darba b'mod espliċitu, il-kwistjoni tan-natura kontestabbli ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiġi rreġistrata proposta ta' IĊE. Hija tagħmel ukoll kjarifiki, minn naħa, dwar il-karatteristiċi tal-istħarriġ eżerċitat mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-adozzjoni ta' tali deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, dwar in-natura tal-istħarriġ tal-legalità tal-Qorti Ġenerali fuq din id-deċiżjoni.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

F'dak li jirrigwarda l-ammissibbiltà tar-rikors, il-Qorti Ġenerali tikkunsidra n-natura kontestabbli tad-deċiżjoni kkontestata⁶. Hija tfakkar qabelxejn il-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-preżentazzjoni ta' IĊE u tirrileva li d-deċiżjoni kkontestata hija intiża li tipproduċi effetti vinkolanti fir-rigward tal-organizzaturi, tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri kkonċernati. Fil-fatt,

¹ Proposta ppreżentata konformement mal Artikolu 11(4) TUE u mar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU 2011, L 65, p. 1, rettifika fil-ĠU 2012, L 94, p. 49, iktar 'il quddiem il-"proposta ta' IĊE kontenzjuża").

² Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 4975 final tal-25 ta' Lulju 2013 li tirrifjuta li tirreġistra l-proposta ta' inizjattiva taċ-ċittadini intitolata "Politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza tar-reġjuni u għas-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali".

³ Sentenza tal-10 ta' Mejju 2016, Izsák u Dabis vs Il-Kummissjoni, [T-529/13](#) (ara [CP Nru 50/16](#)).

⁴ Sentenza tas-7 ta' Marzu 2019, Izsák u Dabis vs Il-Kummissjoni, [C-420/16 P](#) (ara [CP Nru 24/19](#)).

⁵ Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/721 tat-30 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva proposta taċ-ċittadini bit-titolu "Politika ta' koeżjoni għall-ugwaljanza bejn ir-reġjuni u għas-sostenibbiltà tal-kulturi reġjonali" (ĠU 2019, L 122, p. 55, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

⁶ Fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

fir-rigward tal-organizzaturi, id-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni tagħti lok għall-mekkaniżmu ta' ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u tipprovdihom b'mod partikolari, fl-ewwel lok, id-dritt li jippreżentaw l-IĊE lill-Kummissjoni u li jesponuh fid-dettall⁷, fit-tieni lok, id-dritt li l-Kummissjoni tintalab tippreżenta l-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1)(c) tar-Regolament Nru 211/2011⁸ u, fit-tielet lok, id-dritt li l-IĊE tiġi ppreżentata waqt seduta pubblika lill-Parlament Ewropew. Dawn id-drittijiet, maħluqa fir-rigward tal-organizzaturi, jikkostitwixxu fl-istess ħin obbligi għall-istituzzjonijiet ikkonċernati, sa fejn il-Kummissjoni hija obbligata tirċievi l-organizzaturi u li tippreżenta l-komunikazzjoni tagħha dwar l-IĊE u l-Parlament huwa obligat li jorganizza seduta pubblika. Fir-rigward tal-Istati Membri kkonċernati, id-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni ta' proposta ta' IĊE toħloq fil-konfront tagħhom l-obbligu li jawtorizzaw il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, li jivverifikawhom u li jiċċertifikawhom.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tippreċiża li d-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni ta' proposta ta' IĊE ma tikkostitwixxix att preparatorju jew intermedju li l-għan tiegħu huwa li jipprepara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-komunikazzjoni tagħha dwar l-IĊE. Fil-fatt, id-deċiżjoni li tiġi rreġistrata proposta ta' IĊE timplika l-ewwel evalwazzjoni tagħha fuq il-livell legali u ma tippreġudikax l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-komunikazzjoni tagħha dwar l-IĊE, li tinkludi, b'mod partikolari, il-"konklużjonijiet legali u politiċi" tagħha. Il-Qorti Ġenerali tirrileva li, skont il-ġurisprudenza⁹, il-valur miżjud partikolari tal-mekkaniżmu tal-IĊE jinsab mhux fiċ-ċertezza tal-eżitu tiegħu, iżda fil-possibbiltajiet u fl-opportunitajiet li dan joħloq għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jingħata bidu għal dibattitu politiku fi ħdan l-istituzzjonijiet tagħha mingħajr ma jkollhom jistennew li tinbeda proċedura leġiżlattiva. Issa, id-dibattitu politiku, kemm maċ-ċittadini kif ukoll mal-istituzzjonijiet, iseħħ, b'mod partikolari, matul il-kampanja intiża li jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, waqt il-laqgħa mal-Kummissjoni u waqt is-seduta pubblika fil-Parlament. B'mod iktar preċiż, dan id-dibattitu jirriżulta mid-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni ta' proposta ta' IĊE u mill-proċedura sussegwenti u jseħħ qabel ma l-Kummissjoni tadotta l-komunikazzjoni tagħha dwar l-IĊE. Għaldaqstant, bħad-deċiżjoni kkontestata, din id-deċiżjoni tkun ir-riżultat ta' stadju speċifiku fil-proċess ta' IĊE li jipproduċi effetti legali vinkolanti distinti minn daww prodotti mill-komunikazzjoni dwar l-IĊE u tikkostitwixxi, bħal dik il-komunikazzjoni, att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

Fuq il-mertu, il-Qorti Ġenerali teżamina, fl-ewwel lok, il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' proposta ta' IĊE u, b'mod partikolari, dik dwar jekk tali proposta taqax fl-ambitu tal-kompetenzi tal-Kummissjoni¹⁰. F'dan il-kuntest, hija tfakkar il-karatteristiċi tal-eżami li l-Kummissjoni għandha twettaq skont din il-kundizzjoni għar-reġistrazzjoni ta' proposta ta' IĊE.

L-ewwel, hija tfakkar li, sabiex jiġi żgurat aċċess faċli għall-IĊE, il-Kummissjoni tista' tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' tali proposta biss jekk, fid-dawl tas-suġġett tagħha u tal-għanijiet tagħha, din taqa' manifestament barra mill-ambitu tal-kompetenzi li bis-saħħa tagħhom din l-istituzzjoni tista' tippreżenta proposta għal att ġuridiku tal-Unjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati.

It-tieni, il-Qorti Ġenerali tippreċiża li teżisti distinzjoni bejn l-eżami li l-Kummissjoni għandha twettaq skont il-kundizzjoni għar-reġistrazzjoni relatata mal-fatt dwar jekk proposta ta' IĊE taqax fl-ambitu tal-kompetenzi tagħha u dak li din l-istituzzjoni għandha twettaq fil-kuntest tal-komunikazzjoni dwar l-IĊE. Għalhekk, fil-kuntest tal-eżami ta' din il-kundizzjoni għar-reġistrazzjoni, il-Kummissjoni għandha sempliċement teżamina jekk, minn perspettiva oġġettiva, il-miżuri proposti fil-kuntest tal-IĊE inkwistjoni, ikunux jistgħu jiġu adottati abbażi tat-Trattati u ma hijiex obbligata tivverifika li tiġi prodotta l-prova tal-punti ta' fatt invokati kollha u lanqas li l-motivazzjoni li fuqha tkun ibbażata l-proposta u l-miżuri proposti hija suffiċjenti. Id-deċiżjoni li tiġi rreġistrata proposta ta' IĊE timplika evalwazzjoni inizjali tagħha fuq il-livell legali u ma tippreġudikax l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-komunikazzjoni tagħha dwar l-IĊE, li ssaħħaħ il-pożizzjoni definittiva tagħha li tippreżenta jew le proposta għal att ġuridiku tal-Unjoni bħala tweġiba għall-IĊE

⁷ L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 u l-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament Nru 211/2011.

⁸ Skont din id-dispożizzjoni, meta l-Kummissjoni tirċievi IĊE, hija tippreżenta, f'terminu ta' tliet xhur, permezz ta' komunikazzjoni, il-konklużjonijiet legali u politiċi tagħha dwar l-IĊE, l-azzjoni li biġisiebha tiegħu, jekk ser tiegħu, kif ukoll ir-raġunijiet għalfejn biġisiebha tiegħu jew ma tiġux dik l-azzjoni (iktar 'il quddiem il-"komunikazzjoni dwar l-IĊE").

⁹ Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Puppink et vs l-Kummissjoni, [C-418/18 P](#), punt 70 (ara [CP Nru 160/19](#)).

¹⁰ L-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament Nru 211/2011.

inkwistjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' proposta ta' IĊE biss jekk, waqt l-eżami tal-osservanza tal-kundizzjoni għar-reġistrazzjoni relatata mal-fatt dwar jekk proposta ta' IĊE taqax fl-ambitu tal-kompetenzi tagħha, hija tasal għall-konklużjoni li jista' jiġi totalment eskluż li hija tista' tippreżenta proposta għal att ġuridiku tal-Unjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati. Mill-banda l-oħra, jekk il-Kummissjoni ma tistax tasal għal tali konklużjoni, hija obligata tirreġistra l-proposta ta' IĊE inkwistjoni sabiex tippermetti d-dibattitu politiku fi f'dan l-istituzzjonijiet, li jingħata bidu wara din ir-reġistrazzjoni.

Fit-tieni lok, billi ddeċidiet fuq il-fatt dwar jekk il-Kummissjoni identifikatx korrettament il-kontenut tal-proposta ta' IĊE kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li din il-proposta hija ppreżentata b'mod korrett fid-deċiżjoni kkontestata u li ma kien hemm l-ebda żnaturament tal-kontenut tagħha. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza ¹¹, il-Kummissjoni eżaminat, minn perspettiva oġġettiva, il-miżuri proposti, ikkunsidrati b'mod astratt, billi llimitat ruħha, essenzjalment, li tippreżenta s-suġġett u l-għanijiet tal-proposta ta' IĊE kontenzjuża u li tikkonstata li din il-proposta kienet taqa' taħt il-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali tiċħad l-ilment dwar l-eżistenza ta' riżerva fl-evalwazzjoni tal-Kummissjoni. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li, sabiex jiġi żgurat aċċess faċli għall-IĊE, il-Kummissjoni tista', jekk ikun hemm bżonn, twettaq "orjentazzjoni", "klassifikazzjoni" jew anki reġistrazzjoni parzjali tal-proposta ta' IĊE inkwistjoni sabiex jiġi żgurat l-aċċess faċli għaliha, bil-kundizzjoni li hija tosserva l-obbligu ta' motivazzjoni impost fuqha u li l-kontenut ta' din il-proposta ma jkunx żnaturat. Fil-fatt, dan il-mod ta' kif tipproċedi jippermetti lill-Kummissjoni, minflok tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' proposta ta' IĊE, tirreġistraha b'mod ikklassifikat, sabiex tippreżerva l-effett utli tal-għan li għandu jintlaħaq mir-Regolament Nru 211/2011.

Fir-raba' u fl-aħħar lok, billi tagħti deċiżjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk l-Artikoli 174 sa 178 TFUE jistgħux jikkostitwixxu bażi legali għal azzjoni tal-Unjoni fis-sens imsemmi fil-proposta ta' IĊE kontenzjuża ¹², il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kkonkludiet, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-proposta ta' IĊE kontenzjuża, sa fejn din kienet tirrigwarda l-preżentazzjoni minnha nnifisha ta' proposti għal atti ġuridiċi li jiddefinixxu l-missjonijiet, l-għanijiet prijoritarji u l-organizzazzjoni tal-fondi bi skop strutturali u sa fejn l-azzjonijiet li kellhom jiġu ffinanzjati kienu intiżi għat-tiżni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni, ma kinitx taqa' manifestament barra mill-ambitu tal-kompetenzi tagħha.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinfoloq bl-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

¹¹ Sentenza C-420/16 P, iċċitata iktar 'il fuq.

¹² Dawn l-artikoli jaqgħu taħt it-Titolu XVIII tat-Trattat FUE li jikkonċerna l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.